# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Ottubru, 2022.**

**Numru 5**

**Rikors numru 317/15/1 LM**

**Fidele sive Teddy Aquilina u martu Josephine Aquilina**

**v.**

**Stephen Buttigieg**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat ta' Fidele *sive* Teddy u Josephine konjuġi Aquilina tat-8 ta' April, 2015, li permezz tiegħu ngħad:

> *"1. Illi l-attur kien silef b'kuntratt ta' prekarju lill-konvenut ammont ta' oġġetti u għodda biex jintużaw mill-istess konvenut.*
>
> *2. Illi l-oġġetti mislufa huma dawk elenkati fil-prospett li qed jiġi esebit bħala Dok. A.*[1]

[1] L-oġġetti elenkati fil-prospett huma: *Turbo charger* kbir u ċipep tal-Cosworth; *front* u *rear shock absorbers* u *steering rack and pinion* tal-Escort; *front shock absorbers* u t-*top mounts* imwaħħlin

*3. Illi l-konvenut, għalkemm debitament notifikat sabiex jirritorna dawn l-oġġetti, baqa' inadempjenti.*

*4. Illi in effett irriżulta li l-konvenut biegħ jew iddispona minn xi wħud minn dawn l-affarijiet.*

*Għaldaqstant l-atturi jitolbu umilment li din l-Onorabbi Qorti jogħġobha:*

*i) Tikkundanna lill-konvenut jirritorna u jikkonsenja lill-attur l-oġġetti u għodda elenkati fl-anness prospett dokument A.*

*ii) Tiddikjara illi minħabba li l-konvenut naqas mill-obbligi tiegħu taħt l-artikolu 1841 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta kkawża danni lill-attur.*

*iii) Tillikwida d-danni dovuti ai fini tat-tieni talba.*

*iv) Tikkundanna lill-konvenut iħallas id-danni hekk likwidati.*"

2. Rat ir-risposta ġuramentata ta' Stephen Buttigieg ippreżentata minnu fis-26 ta' Mejju, 2015, li permezz tagħha ġie eċċepit:

"1. *Illi preliminarjament, in-nuqqas t'integrità tal-ġudizzju stante li għalkemm l-esponent huwa separat de facto minn ma' martu Donna Buttigieg (illi tiġi bint ir-rikorrenti), bejniethom għad hemm is-sistema tal-Komunjoni tal-Akkwisti u għalhekk il-kawża kellha tinfetaħ kontra l-imsemmija Donna Buttigieg ukoll.*

*2. Sussidjarjament, u mingħajr ebda preġudizzju għas-sueċċepit, it-talbiet tar-rikorrenti huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi mhuwiex minnu li bejn ir-rikorrenti u r-rispondenti kien hemm kuntratt ta' prekarju, kif imtenni mir-rikorrenti; għall-kuntrarju, l-oġġetti msemmija fil-Prospett anness bħala Dok. 'A' fil-maġġor parti tagħhom kienu ngħataw lir-rispondent b'titolu ta' donazzjoni, u dan kemm għar-raġuni li r-rispondent kien jifforma parti mill-familja tar-rikorrenti (stante illi miżżewweġ lil binthom Donna Buttigieg) u kif ukoll bħala kumpens*

---

fuq Hilman Imp; *crank* tal-magna 20; *connecting rods* bil-*pistons plus* is-*sump; cylinder head* tal-magna 20; *carburator* u l-*manifold* tas-*super charger; manifold* u l-*webbers* 45 tal-magna 20; *electric power steering* ġdid; *power steering* tan-Nova; kompressur; CO2 *welding set;* rimmijiet tal-*chrome; generator;* Cosworth *differential* ta' wara *plus* il-*wishbones; pulley* tal-*crank* u s-*sensor* tal-Cosworth; *power steering* u *alternator* tal-Cosworth; *rear and front drive shafts* tal-Cosworth; *front and rear calipers* u d-*discs; silencer* komplut minn mat-*turbo* sa nofsu (*stainless steel*); *fire extinguisher plus* pipijiet tiegħu; pipijiet tal-*chrome molley; parts* oħra.

*għas-serviġi estensivi li r-rispondent kien jirrendi għall-benefiċċju tar-rikorrent Fedele Aquilina.*

*3. Illi r-rispondent m'għandu jħallas ebda danni lir-rikorrenti kif qed jiġi minnhom pretiż.*

*4. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.*

*B'riżerva ta' kull azzjoni spettanti lill-intimat kontra r-rikorrenti skont il-liġi."*

3. Rat is-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-10 ta' April, 2017, li permezz tagħha l-kawża ġiet deċiża fis-sens illi ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut, laqgħet l-ewwel talba tal-atturi limitatament pero` fir-rigward ta' dawk l-oġġetti maqbudin mill-marixxall tal-Qorti bil-mandat ta' qbid kawtelatorju numru 467/15, kif ukoll il-kumpressur tal-arja li għadu fil-pussess tal-konvenut; ċaħdet it-tieni talba tal-atturi peress li l-konvenut kien dispost qabel ma nfetħet il-kawża, li l-imsemmija oġġetti jiġu restitwiti lill-atturi u għalhekk ċaħdet ukoll it-tielet u r-raba' talba tal-atturi; ordnat li l-oġġetti maqbuda mill-marixxall tal-Qorti, bil-mandat ta' qbid kawtelatorju numru 467/15, jiġu liberament rilaxxati favur l-atturi u dan wara li jitħallsu l-ispejjeż kollha tal-mandat mill-atturi, kif ukoll il-kumpressur tal-arja għandu jiġi ritornat lill-atturi mill-konvenut fi żmien ġimgħatejn. Bl-ispejjeż tal-proċeduri u tal-mandat ta' qbid kawtelatorju numru 467/15 jibqgħu a karigu tal-atturi.

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Illi f’din il-kawża l-atturi qegħdin jitolbu r-restituzzjoni ta’ għodda u *parts* ta’ vetturi li allegatament kienu ġew mislufa mill-attur Fidele *sive* Teddy Aquilina lill-konvenut Stephen Buttigieg, li kien miżżewweġ lil bintu Donna. Il-konvenut u martu preżentement għaddejjin minn proċeduri ta’ separazzjoni. L-attur qiegħed jitlob ir-restituzzjoni tal-imsemmija għodda u *parts,* kif ukoll il-ħlas tad-danni subiti minnhom ai termini tar-regoli applikabbli għal kuntratt ta’ prekarju, u ċjoè l-ħlas ta’ dawk l-*parts* li l-konvenut biegħ lil terzi jew li uża f’vetturi ta’ terzi.

Illi min-naħa tiegħu l-konvenut qed jilqa’ għal dawn it-talbiet tal-atturi billi preliminarjament qed jeċċepixxi n-nuqqas ta’ integrità tal-ġudizzju stante li għalkemm *de facto* separat mill-mara, għadha teżisti l-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u għalhekk il-kawża kellha tinfetaħ kontra l-imsemmija Donna Buttigieg ukoll.

Illi kwantu għall-mertu, il-konvenut jinnega li dawn l-oġġetti kienu mogħtija lilu bħala self (prekarju) iżda kienu ngħataw lilu mill-attur *in parte* bħala donazzjoni u *in parte* bħala kumpens għal xogħol li hu kien jagħmel bħala *mechanic, panel beater* u *spray painter* fuq il-vetturi tal-attur u tat-tfal tiegħu.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Illi l-attur **Fidele *sive* Teddy Aquilina** xehed[2] li hu qabel ma rtira kellu l-*business* tal-kiri tal-karozzi *Avis* flimkien ma’ ħutu. Kemm hu u kemm l-konvenut kienu dilettanti tal-karozzi u kienu jieħdu sehem fit-tiġrijiet tal-karozzi. Il-konvenut meta kien għarus u wara li żżewweġ lil bint l-atturi Donna, kien isewwi l-karozzi kemm bħala *mechanic* u kemm bħala *panel beater u spray painter.*

Illi l-attur jikkonferma li minħabba l-passatemp li kellhom in komuni, huwa kien isellef lill-konvenut xi għodda, apparat u *parts* tal-vetturi biex jużahom fil-vetturi li kienu jarmaw għall-ġiri. Tul dawn is-snin kollha, madwar 20 jew 22 sena, qabel ma bdew il-proċeduri ta’ separazzjoni bejn il-konvenut u bint l-attur, l-attur qatt ma talab lura dawn l-oġġetti lill-konvenut għaliex kien jistmah bħala ibnu. L-attur isemmi każ partikolari fejn kien ġab erba’ magni 2.01, biex waħda minnhom twaħħlet fuq karozza tat-tiġrijiet li kien ġab, u t-tlieta l-oħra kien talabhomlu lill-konvenut u dan spiċċa biex biegħhom u żamm il-flus. Però l-attur jgħid li qatt ma qallu xejn għax kien iqisu bħala ibnu dak iż-żmien.

Illi l-attur isemmi wkoll kif il-konvenut kien għamel żmien jaħdem l-Avis *full-time* u wara l-ħin tax-xogħol ikompli għal rasu jaħdem fuq il-karozzi f’garaxx Binġemma. Meta l-konvenut kien kostrett jagħlaq dan il-

[2] *A fol.* 14 *et seq.* tal-proċess.

garaxx ta' Binġemma minħabba problemi ta' permessi, l-attur kien ħalla lill-konvenut juża bla ħlas garaxx li l-attur kien jikri għalih innifsu fil-Gżira biex ikompli jlesti żewġ karozzi li kellu mibdijin u ħallih hemm jaħdem għal madwar għaxar snin, b'dan li l-konvenut kien iħallas biss għad-dawl u ilma. Meta s-sid ried il-garaxx tal-Gzira lura, l-konvenut ġarr kollox f'garaxx ieħor li kellu Binġemma, inkluż l-oġġetti li kien għaddielu l-attur.

Illi fix-xhieda tiegħu l-attur insista li huwa kien qiegħed jitlob biss ir-restituzzjoni ta' dawk l-oġġetti elenkati fil-prospett anness mar-Rikors Maħluf.[3] L-attur itenni illi l-oġġetti inkwistjoni ma kienx tahomlu lill-konvenut, iżda kien biss silifhomlu għax kienu jiswew flejjes kbar. Bħala eżempju isemmi *shock absorbers* tal-valur ta' €1,200, li wara mandat ta' qbid kawtelatorju li huwa kien għamel, sar jaf li dawn kienu twaħħlu fuq Escort li nbiegħet mill-konvenut. Isemmi wkoll *webbers* 45 bil-*manifold* tal-valur rispettivament ta' €500 u €400 li sar jaf li l-konvenut kien biegħ u Escort mark I li xtraħ €1,200 li l-konvenut kien biegħu ukoll.

Illi l-attur spjega wkoll waqt ix-xhieda tiegħu li ċerti *parts* li kienu tiegħu u li kienu mwaħħlin f'vetturi tal-ġiri tal-konvenut, dawn setgħu jinqalgħu u jintużaw għal vetturi oħra għax jekk jintużaw biss kultant għat-tiġrijiet, dawn jibqgħu kważi ġodda.

Illi waqt il-kontroeżami tiegħu l-attur ma tantx kien konsistenti fi kliemu. Fi stadju minnhom qal illi fil-prospett kien hemm elenkati biss dawk l-oġġetti li kien silef lill-konvenut f'dawn l-aħħar 4 jew 5 snin, però wara qal li wħud mill-oġġetti msemmija kien ilu ħafna iktar li silifhom lill-konvenut. Imma fuq domanda tal-Qorti[4] l-attur reġa' biddel il-verżjoni tiegħu meta qal illi bil-prospett kien qiegħed jitlob lura biss dawk l-oġġetti li kien silef lill-konvenut riċentement, bejn 4 jew 5 snin ilu.

Illi l-attur Teddy Aquilina baqa' jsostni illi huwa kien silef il-*parts* lill-konvenut biex jarmahom fuq il-vetturi tal-ġiri tal-konvenut stess u meta l-avukat difensur tal-konvenut staqsih jekk allura dawn il-*parts* kienx għalhekk tahomlu lill-konvenut, l-attur baqa' jinsisti li kien biss silifhomlu. L-attur ammetta għal darba, darbtejn li l-konvenut kien *mechanic* tajjeb u li kien jagħmillu ħafna xogħol fuq il-karozzi tiegħu tat-tiġrija. L-attur fix-xhieda tiegħu jistqarr ukoll, kuntrarjament għal dak li qal fl-affidavit tiegħu u fir-Rikors Maħluf, li x-*shock absorbers* li jissemmew fil-prospett anness mar-Rikors Maħluf, ma kienx hu li tahomlu lill-konvenut imma dan kien qabad u ħadhom minn rajh.[5] L-attur wara jispjega illi lill-konvenut hu kien ħallih joħodhom dawn l-oġġetti. Meta mistoqsi mill-Qorti dwar dawk il-*parts* użati fuq vetturi oħrajn, l-attur spjega li dawn il-*parts* kienu ġodda fjamanti meta ġew armati u ma jistgħux jerġgħu jintużaw għax il-vettura fejn kienu tqiegħdu mill-konvenut, dan kien biegħha. Terġa' u tgħid meta ġie

[3] Dokument A, *a fol.* 3 tal-proċess.
[4] *A fol.* 55 tal-proċess.
[5] *A fol.* 62 tal-proċess.

mistoqsi mill-avukat difensur tal-konvenut li wieħed mill-imsemmija *shock absorbers* kien danneġġjat u mhux ġdid fjamant, ammetta li wieħed kien imgħawweġ, irranġah il-konvenut u waħħlu fuq vettura.

Illi l-attur meta in kontroeżami ġie suġġerit lilu li l-oġġetti kien jagħtihomlu u lill-konvenut mhux jislifhomlu bħala kumpens għax-xogħol li kien jagħmillu fuq il-vetturi tiegħu, l-attur jgħid illi bħala kumpens lill-konvenut kien xtralu libsa tat-tiġrijiet *fireproof*, żraben għall-istess użu u *crash helmet.* Fl-aħħar tal-kontroeżami meta ġie ssuġġerit lilu u kif hu stess qed jallega li lill-konvenut ma tahx l-oġġetti iżda biss silifhomlu, hekk ukoll il-konvenut mhux kien allura għamillu xogħol fuq il-vetturi tiegħu b'xejn iżda biss selliflu dan ix-xogħol, l-attur irreaġixxa billi qal li jekk jiġu għalhekk, hu lill-konvenut kien mantnielu l-familja ċjoè l-mara tiegħu, it-tifla tal-attur u lill-familja tagħhom għax l-konvenut ma kienx jagħtiha flus lill-mara biex jgħixu.

Għandu jiġi ssenjalat ukoll illi meta l-Qorti staqsiet lill-attur dwar kemm jista' jibqa' jinsisti li dawk l-oġġetti li ġew użati fuq il-vetturi tal-konvenut jew fuq vetturi ta' terzi jista' ssejħilhom mislufa u mhux mogħtija lill-konvenut a differenza tal-oġġetti li baqgħu fuq l-ixkaffa, hu wieġeb "Orajt mela ninsewhom dawk."[6]

Illi l-attur bħala provi ppreżenta wkoll l-affidavits tat-tlett itfal tiegħu. Fl-affidavit tagħha mart il-konvenut **Donna Buttigieg**[7] ikkonfermat li l-oġġetti msemmijin fil-prospett kienu ngħataw minn missierha lill-konvenut bħala self għax il-konvenut kien jgħidilha li l-*parts* kollha li kellu biex jarma l-karozzi tiegħu tat-tlielaq kien isellifhomlu missierha.

In kontroeżami anki din ix-xhud ma tantx kienet konsistenti meta kkonfrontata mill-avukat tal-konvenut, għaliex għad illi qalet illi l-konvenut kien joqgħod jgħidilha bl-oġġetti li selfu missierha biex jużahom fil-vetturi, qalet ukoll li l-ftehim kien bejn l-attur u l-konvenut u li dan il-ftehim qatt ma sar quddiemha. Din ix-xhud issemmi wkoll li l-konvenut kien jaqbad u jieħu min rajh oġġetti li jkun għadu kif xtara missierha u mistoqsija għaliex ma semmietx dan fl-affidavit, qalet li kienet insiet dak iż-żmien. Din ix-xhud ammettiet li meta missierha kien jagħti xi *parts* lill-konvenut, hi ma kinitx tkun preżenti biex tgħid jekk tahomlux b'self jew b'donazzjoni, iżda tgħid li għax-xogħol li l-konvenut kien jagħmel għal missierha, qatt ma rat lil missierha jħallsu bi flus kontanti, però taf li kien jikkumpensah billi jħallaslu l-*insurance* ta' vettura li kien juża, ma jżommlux kera tal-garaxx tal-Gżira, iħallaslu biex jipparteċipa fit-tiġrijiet tal-karozzi u meta kien għadu jaħdem mal-Avis, kien jagħtih ħafna sahra. Donna Buttigieg ammettiet ukoll li qabel ma bdew jisseparaw hi u l-konvenut, missierha qatt ma kien talab xi ħaġa lura lill-konvenut mill-affarijiet li kien tah.

[6] *A fol. 67.*
[7] *A fol. 17.*

Illi min-naħa tagħha **Vanessa Aquilina**[8], bint l-atturi wkoll, tgħid li taf li missierha lill-konvenut kien iħallaslu l-petrol meta dan kien itellaq. Din ix-xhud irrakkuntat ukoll li l-konvenut wara li telaq minn Binġemma, missierha kien ħallih juża mingħajr ħlas, garaxx mikri minnu fil-Gzira u taf li missierha kien jixtri l-għodda għalih stess għax dilettant tal-karozzi u kien jislef minn din l-għodda lill-konvenut. Din ix-xhud iżżid tgħid li kienet saret taf illi li l-konvenut kien biegħ biċċa mill-għodda li missierha kien sellef lill-konvenut. Lejn l-aħħar tal-affidavit tagħha din ix-xhud tgħid illi meta kien mar jeleva l-oġġetti l-marixall u kien se jaqbad is-sett tal-*welding* CO2, il-konvenut kien qal lill-marixall li jekk jieħu dak is-sett, kien sejjer iwaqqaf il-manteniment lill-familja tiegħu. Imma in kontroeżami din ix-xhud, bħal oħtha qabilha, ukoll tbiddel kemxejn il-versjoni tagħha u tgħid li *parts* tal-attur li spiċċaw fuq vetturi tal-konvenut, spiċċaw għand il-konvenut għax dan kien jaqbad u joħodhom. Anki din ix-xhud tgħid illi għax-xogħol li kien jagħmel l-konvenut għall-attur kien jitħallas mhux b'dawn il-*parts* iżda bil-garaxx tal-Gżira kera frank, u l-*insurance* tal-vettura personali tal-konvenut, li kien jieħu ħsieb iħallashom missierha, l-attur. Ix-xhud Vanessa Aquilina tispiċċa tmeri dak li qalu qabilha l-attur u oħta, meta tgħid, ikkonfrontata bid-domanda kif missierha fi 22 sena lill-konvenut qatt ma talabhomlu lura l-oġġetti ħlief meta kienu għaddejjin il-proċeduri ta' separazzjoni bejn il-konvenut u oħtha, hi tgħid li missierha anki qabel dawn l-oġġetti kien talabhomlu lura diversi drabi lill-konvenut. Fl-aħħar nett meta mistoqsija kif taf bid-diskors dwar il-CO2 peress li hi ma kinitx preżenti waqt li mar jeleva il-marixxall, din ix-xhud wieġbet li saret taf mingħand oħtha u missierha, li però jirriżulta li dawn ukoll ma kinux preżenti meta mar l-marixxall jeleva l-oġġetti.

Fl-aħħar nett it-tielet tifla tal-atturi, **Fiona Aquilina**[9], meta xehdet b'affidavit, irrepetiet il-kliem li allegatament qal l-konvenut lill-marixxall, li jekk jeleva l-*welding set* CO2, hu kien ser iwaqqaf il-manteniment ta' oħta Donna. In kontroeżami din ix-xhud tgħid li missierha mhux sellifhomlu l-*parts,* però ħadhom il-konvenut u fuq domanda tal-Qorti, spjegat li l-konvenut kien ħa kollox meta kellu jitlaq mill-garaxx tal-Gzira. Din ix-xhud qalet fuq domanda oħra tal-kontroparti, li missierha mhux qed jippretendi lura dawk il-*parts* li l-konvenut installa fil-karozzi, iżda biss dawk il-*parts* li baqgħu fuq l-ixkaffa.

Illi min-naħa tiegħu l-konvenut **Stephen Buttigieg** fl-affidavit tiegħu[10] jinsisti li l-affarijiet li qed jippretendi lura l-attur ma kienx sellifomlu iżda tahomlu u dan minħabba xogħol li huwa kien jagħmel fil-vetturi tal-attur u tat-tfal tiegħu. Fl-affidavit tiegħu l-konvenut isemmi l-affarijiet li eleva l-marixxall fl-eżekuzzjoni tal-mandat ta' qbid u jagħmel riferiment ukoll għal ittra responsiva mibgħutha mill-avukat difensur

[8] *A fol.* 19A.
[9] *A fol.* 20.
[10] *A fol.* 45.

tiegħu lill-attur fis-17 ta' Marzu, 2015[11], ftit qabel ma nfetħet il-kawża. Fl-affidavit tiegħu l-konvenut jgħid:

> "...kif diġà għidt, jiena dispost li huwa jista' joħodhom minn issa stess – *steering rack* tal-Escort, rimmijiet tal-*chrome* (tahom sitta fil-fatt), *generator* bil-ħsara, *differential* u *wishbones* tal-Cosworth, il-kompressur tal-arja kif diġà għidt m'għabbewhx il-marixxalli għax ma kellhomx fejn ipoġġuh u meta irid jista' jiġi jieħdu, *power steering* u *alternator* tal-Cosworth, *rear and front shaft drives* tal-Cosworth, *front rear calipers* u *discs, fire extinguisher* u pajpijiet, biċċiet tal-pajpijiet tal-*chrome* li kien baqa' meta kont ħdimtlu fuq l-Escort u diversi *parts* oħrajn li kollha huma mniżżlin fil-mandat li eżegwew il-marixxalli."

Illi kwantu għall-oġġetti l-oħrajn, il-konvenut ma kienx dispost li jħallas lill-attur għax dawn kien tahomlu biex iwaħħalhom fuq vetturi oħrajn tiegħu jew fuq vetturi oħrajn li biegħ. Il-konvenut afferma li kien hemm ċerti affarijiet li l-attur kien diġà ħadhom bħas-*super-charger.*

Illi in kontroeżami l-konvenut Stephen Buttigieg[12] jammetti li kien hemm xogħol li hu għamel għall-attur meta kien impjegat mal-Avis u tħallas għal dan ix-xogħol bil-paga li kellu mal-Avis. Il-konvenut jgħid ukoll li kien għamel xogħol ieħor fuq vetturi tal-attur, fosthom Escort mark 1 li kien għamel xi ħames snin itellaq biha l-konvenut. Il-konvenut kien għamel ukoll xogħol ta' spray fuq *tow truck* tal-attur imma li kien jaħdem bih il-konvenut.

Illi l-konvenut tella' jixhdu lil **Matthew Mintoff[13]** u **Jeantoine Cuschieri[14]**, però dawn ftit li xejn jixħtu dawl fuq din il-kontestazzjoni bejn il-partijiet. It-tnejn li huma kienu jiffrekwentaw il-garaxx tal-Gżira minn fejn kien jaħdem il-konvenut u jsemmu ċertu xogħlijiet li kienu saru u jikkonfermaw illi l-attur kien diversi drabi jmur jixtri *parts* għall-konvenut, però huma qatt ma daħlu fi kwistjoni ta' flus u finanzi bejn l-attur u l-konvenut. Fl-affidavit tiegħu Matthew Mintoff però jsemmi li fil-preżenza tiegħu xi minn daqqiet l-attur kien jgħid lill-konvenut biex ċerti *parts* ma jixtrihomx għax kien ikollu minnhom l-attur. Jeantoine Cuschieri jiftakar li l-attur kien qal lill-konvenut li jista' jsuq l-Escort mark I tal-attur, għax l-attur kien xtara vettura oħra tat-tiġrija.

## Kunsiderazzjonijiet legali

Illi qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tikkunsidra l-mertu proprju tal-kontestazzjoni bejn il-partijiet f'din il-kawża, trid l-ewwel teżaminha l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut dwar in-nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju stante li għalkemm l-esponent huwa separat *de facto* minn ma' martu Donna Buttigieg li tiġi bint l-attur, bejniethom għad hemm

---

[11] *A fol.* 53 u 54. Kif semma l-avukat difensur tal-konvenut, din l-ittra ma kinitx ġiet ippreżentata fil-bidu għax kienet saret mingħajr preġudizzju u ma kienx intleħaq ftehim.
[12] *A fol.* 88 sa 103.
[13] *A fol.* 25 sa 32.
[14] *A fol.* 34 sa 41.

il-komunjoni tal-akkwisti u għalhekk il-kawża kellha tiġi istitwita wkoll kontra l-imsemmija Donna Buttiigeg.

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu l-konvenut isostni illi f'każ li l-Qorti tordna li l-oġġetti inkwistjoni għandhom jingħataw lura lill-atturi, l-konvenut huwa xorta waħda prekluż milli jagħmel dan peress li huwa ma jistax jaġixxi b'mod unilaterali fil-konfront tal-assi relattivi għall-komunjoni tal-akkwisti.

Illi fl-ewwel lok din l-asserzjoni tal-konvenut mhijiex korretta għax jekk jiġi stabbilit li l-oġġetti kienu tabilħaqq mislufin lill-konvenut b'kuntratt ta' prekarju, tali każ ma jkunx dejn inkombenti fuq il-komunità tal-akkwisti, imma si tratta ta' restituzzjoni ta' oġġetti li jappartjenu lill-atturi. Il-mandat ta' qbid 467/15 ġie eżegwit mhux fuq affarijiet appartenenti l-komunità tal-akkwisti bejn il-konvenut u martu iżda fuq oġġetti allegatament appartenenti lill-atturi stess għalkemm fil-pussess tal-konvenut.
Illi fit-tieni lok, Donna Buttigieg mart il-konvenut innifisha qiegħda bix-xhieda tagħha stess tgħid li dawn l-oġġetti mislufin lill-konvenut u fil-pussess tal-konvenut, jappartjenu lil missierha. Ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar dan minn mart il-konvenut u din il-Qorti ma tarax għalfejn għandha tiddilunga aktar fuq din l-eċċezzjoni u qiegħda tiċħad għalhekk din l-eċċezzjoni.

Illi l-istitut tal-kuntratt tal-*prekarju* hu regolat b'dan il-mod mill-Kodiċi Ċivili:

> "X'inhu prekarju.
>
> 1839. Il-prekarju huwa l-istess kuntratt ta' self għall-użu mfisser fl-artikolu 1824, iżda b'din id-differenza biss, illi dak li jislef il-ħaġa jibqa' fis-setgħa li jeħodha lura meta jrid.
>
> Radd mat-talba.
>
> 1840. Dak li jissellef il-ħaġa bi prekarju, ma jistax idewwem ir-radd tagħha, meta tiġi lilu mitluba lura, minħabba li bir-radd jista' jbati ħsara:
>
> Iżda, jekk jinsab li r-radd ġie mitlub bil-ħsieb li tiġi kkaġunata ħsara lil dak li ssellef il-ħaġa, il-qorti tista' tagħti lil dan żmien għal dak ir-radd.
>
> Igħoddu r-regoli li hemm għall-kommodat.
>
> 1841. Bla ħsara ta' dak li hu miġjub fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, ir-regoli dwar il-kuntratt ta' kommodat igħoddu għall-prekarju."

Illi l-artikolu 1824 fuq imsemmi jgħid:

X'inhu l-kommodat.

> "1824. Il-kommodat jew self għall-użu hu kuntratt li bih waħda mill-partijiet jikkunsinna ħaġa lill-parti l-oħra, sabiex din tinqeda biha, bla

> ħlas, għal żmien jew għal użu determinat, bl-obbligu ta' dak li jirċiviha li jrodd il-ħaġa nfisha."

Illi waħda mir-regoli applikabbli fil-kuntest ta' kontestazzjoni jekk il-kuntratt huwiex kommodat jew kirja:

> "1838 (1) .... il-persuna li tippretendi l-ħlas għandha tipprova l-jedd tagħha bi ftehim espress jew taċitu.
>
> (2) Il-ftehim taċitu jista' jiġi ppruvat mill-kondizzjoni tal-persuni, mix-xorta tal-ħaġa, miż-żmien fit-tul tal-użu, u minn ċirkostanzi oħra."

Illi din ir-regola għandha tapplika wkoll għal min jitlob, bħal fil-każ odjern, ir-radd lura ta' oġġetti, abbażi ta' kuntratt ta' prekarju, f'dan il-każ bi ftehim taċitu bejn il-partijiet u li mhuwiex każ ta' donazzjoni jew kumpens.

Illi l-prekarju huwa wkoll kuntratt ta' self għall-użu (bħall-kommodat), iżda bid-differenza biss, illi dak li jislef il-ħaġa jibqa' fis-setgħa li jeħodha lura meta jrid hu[15], mentri l-kommodat huwa kuntratt għal żmien jew għal użu determinat
Illi l-Qorti għandha tiddetermina u finalment taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tislet il-konklużjonijiet ġuridiċi wara li teżamina l-provi fid-dawl tal-prinċipji li jitnisslu mill-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna[16], li min jallega irid jippruvah hu jew *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*, kif wara kollox jgħid ċar u tond l-artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu jagħmel riferiment għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri), fl-ismijiet **Carmelo Calleja *et. vs.* Godfrey Zammit *et.***[17] fejn intqal is-segwenti:

> "Huwa ritenut li in vista tal-fatt li min jeżerċita poter ta' fatt fuq il-ħaġa huwa l-preżunt pussessur, jispetta lil min jikkontesta dan il-pussess li jipprova li l-pussess hekk vantat jidderivi minn att ta' tolleranza. Dan għaliex kif drabi oħra ġie osservat mill-Qrati tagħna, "it-tolleranza ma għandhiex tiġi preżunta u għandha għalhekk tiġi pruvata almenu *prima facie*" (Kollez. **Vol XXXVI p.I, p.292**) u "l-piż ta' din il-prova jinkombi fuq min jinvoka t-tolleranza" (Kollez. **Vol XLIV p.II, p.608**)."

Din il-Qorti ser teżamina l-provi sottomessi mill-atturi li qegħdin jallegaw l-prekarju biex jitolbu r-radd lura tal-oġġetti mingħand il-konvenut, ħalli din il-Qorti tkun tista' tiddetermina x'kienet l-vera intenzjoni tal-partijiet. Għax kif ben ġie spjegat mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)[18]:

---

[15] Qorti tal-Appell (Superjuri) **Stacey Chircop *vs.* Maria Spiteri**, 11.07.2016.
[16] **Dr. H. Lenicker *vs.* J. Camilleri**, P.A., 31.05.1972, **Peter Paul Aquilina *vs.* Paul Vella**, App. Inf., 02.05.1995 u **Anthony Azzopardi *et. noe*** *vs.* **Lapsi Holdings Limited**, P.A.,19.01.2015.
[17] Deċiża fil-11.02.2014.
[18] **Mary Anderson *et. noe. vs.* Ġuża Jones *et.*** deċiża fis-7 ta' Diċembru, 2005(PS).

> "Fil-każ tal-attriċi jidher mill-provi illi din riedet tikkonserva l-kwalitajiet kollha ta' proprjetarja tal-fond. Dejjem mill-istess provi attendibbli ma jidherx illi fl-appellanti ma kienx hemm ukoll dik il-konsapevolezza tal-inidoneità tal-konċessjoni u tal-assenza ta' dak it-titolu tali li seta' jagħtihom dik is-sikurezza, li issa qed jittantaw jakkwistaw billi jdawru a favur tagħhom jedd fuq il-fond li kapaċi jikkuntrasta d-drittijiet tal-attriċi;
>
> Innegabilment, it-tolleranza jew il-prekarju sakemm jibqgħu jeżistu jiġġustifikaw il-godiment fuq il-ħaġa iżda, una volta l-volontà tal-konċedent li jtemm ir-rapport issir magħrufa, dan iġib iċ-ċessazzjoni ta' dan l-istess dritt ta' tgawdija u mhux mistenni jew tollerat min, b'approfittar, jippretendi li jivvanta drittijiet proprji, li ma baqalux. L-uniku obbligu tiegħu jibqa' dak tar-restituzzjoni lura tal-ħaġa lil konċedenti."

Illi fil-każ odjern, fil-mument meta kien qed jingħataw dawn il-*parts* mill-attur lill-konvenut, jidher ċar li ma kienx hemm oġġezzjoni mill-attur li dawn il-*parts* jintużaw ukoll għal fuq vetturi oħra, apparti dawk tal-attur. Min-naħa tal-attur, l-oġġetti kien jgħaddihom lill-konvenut daqslikieku dan kien xi ħadd tal-familja tant li l-istess attur jiddiskrivi istanza fejn l-konvenut biegħ tliet magni li mhumiex inklużi fil-prospett (xi ħaġa li l-konvenut jiċħad li għamel), u l-attur ma kien qallu xejn dwar dan. L-attur jgħid "dan kien qisu ibni dak iż-żmien. Għalhekk jien kont inħoss illi jekk inħalli xi ħaġa għandu kienet qisha qiegħda għandi ... Jien ma kontx infittex miegħu għaliex peress li dan kien ir-raġel tat-tifla kont inħoss illi dak li qed nagħmel miegħu kont qed nagħmlu mat-tifla."[19] In kontroeżami, meta il-Qorti staqsietu kif kien qed jippretendi li kien għamel self meta kien jaf li *parts* ser jiġu installati f'vetturi jew tal-konvenut ħatnu jew ta' terzi, l-attur qal "mela dawk tista' tinsiehom".[20] Sussegwentement l-attur kellu ripensament meta reġa' xehed wara l-kontroeżami tiegħu, biex jipprova jispjega li *parts* imwaħħla f'karozzi għat-tlielaq jistgħu jinqalgħu għax karozzi tat-tiġrijiet ma tantx jintużaw u l-*parts* ma jiqdiemux malajr bħal f'karozzi normali u jistgħu jerġgħu jintużaw fuq vetturi oħrajn. Madankollu f'kuntratt ta' prekarju jekk l-oġġett jissellef għall-użu biex jintuża f'karozzi tat-tlielaq, id-deterjorament bl-użu jibqa' għar-riskju ta' min isellef. Fil-każ ta' vetturi għat-tiġrija, l-istat tagħhom irid ikun ottimu biex jagħtu rendiment fit-tlielaq. Għaldaqstant din il-Qorti ma tarax kif seta' kien hemm ħsieb li dawk il-*parts* li l-attur kien jgħaddi lill-konvenut ħatnu u li twaħħlu fuq karozzi tat-tlielaq ta' terzi jew li nbiegħu lil terzi, seta' qatt kien hemm intenzjoni li jiġu kkunsidrati bħala self.

Illi min-naħa l-oħra kienet drawwa tal-attur bħala dilettant fit-tlielaq, li jżomm diversi oġġetti u *parts* fuq ir-riħ għall-bżonnijiet li jinqalgħu, u sakemm bint l-attur Donna Buttigieg u l-konvenut kienu għadhom ma bdewx il-proċeduri ta' separazzjoni, l-attur ma kienx ikollu oġġezzjoni li dawn l-oġġetti jintużaw mill-konvenut kemm għalih jew għal xi klijent.

---

[19] *A fol.* 14.
[20] *A fol.* 67.

Xhud indipendenti li kien jaf it-tnejn li huma, Matthew Mintoff kien diversi drabi jara l-attur jaqbad jagħti xi *part* lill-konvenut biex ma joqgħodx jixtri bħala.

Tqis però illi bil-familjarità li kienet teżisti bejn il-partijiet dak iż-żmien, iħalltu u jaqsmu flimkien bħala parti mill-istess familja, l-*parts* jew l-għodda li l-attur kien jgħaddi lill-konvenut għax-xogħol tiegħu u li twaħħlu fuq karozzi tal-konvenut jew ta' terzi jew li nbiegħu lil terzi, jistgħu jitqiesu li kienu ngħataw lill-konvenut bl-intenzjoni li dan iżommhom u li ma jerġax jirritornahom lura. Illi kwantu għal dawk il-*parts* li kienu għadhom fil-garaxx mhux użati, dawk l-oġġetti li fix-xhieda ta' waħda minn ulied l-attur ġew imsejħa li kienu "għadhom fuq l-ixkaffa", illum li spiċċat il-familjarità bejn il-partijiet minħabba s-separazzjoni tal-konvenut minn ma' bint l-attur, fir-rigward ta' dawn l-oġġetti ċertament li ma jistax jingħad li baqgħet tissussisti l-intenzjoni li dawn isiru tal-konvenut. Tant hu hekk li l-konvenut fl-affidavit tiegħu jgħid li dawk l-oġġetti li nqabdu bil-mandat, l-attur seta' joħodhom u magħdud magħhom, hemm il-kompressur tal-arja, li l-marixxalli ma kellhomx post fejn jgħabbuh, però li l-konvenut qal li dan kien għad-dispożizzjoni tal-attur biex jieħdu lura.

Tqis illi l-ftehim bejn il-partijiet kien wieħed *"sui generis".* Fis-sentenza suċitata fl-ismijiet **Mary Anderson *et. noe. vs.* Ġuża Jones *et.*** jingħad:

> "F'dan il-ħsieb, fil-verità, ma jidher li hemm xejn ġdid jew kuntrarju għall-enunċjazzjoni espressa mill-Qorti tal-Appell tagħna, kolleġġjalment komposta, fil-kawża fl-ismijiet **George Cassar -vs- Carmela Bonnici**, 16 ta' Ġunju, 1961 (**Kollez. Vol. XLV P I p 224**). Fiha ngħad illi l-frażi "*sui generis*" "ma tfissirx neċessarjament u biss id-disposizzjonijiet pożittivi tal-Kodiċi dwar il-kuntratti in ġenerali. Huma wkoll prinċipji ġenerali tad-Dritt dawk ir-regoli ta' interpretazzjoni u applikazzjoni tal-liġi li jipprovdu illi, meta każ mhuwiex direttament regolat minn disposizzjoni partikulari, tista', u għandha, tirrikorri għal dawk id-disposizzjonijiet jew prinċipji li jirregolaw każijiet li magħhom il-każ in kwistjoni għandu l-akbar analoġija."

Tqis li l-ftehim bejn il-partijiet kien wieħed li kien imsejjes fuq ir-rapport ta' familjarità li kien jeżisti bejn il-partijiet u li oġġetti li kien jgħaddi l-attur lill-konvenut biex jintużaw fuq vetturi tal-konvenut jew ta' terzi, kienu jitħallew lill-konvenut bħala donazzjoni u parti mill-kumpens lill-konvenut tax-xogħol li dan kien jagħmel għall-attur, mal-kumpens kollu l-ieħor li semmew l-attur u wliedu, bħall-kera tal-garaxx, liċenzji u lbies tat-tiġrija. L-attur fix-xhieda tiegħu jikkonferma illi qabel ma nqala' d-disgwid bejn bintu u l-konvenut, hu u l-konvenut kellhom relazzjonijiet tajbin ħafna, fuq livell familjari, bħala xogħol li kien jagħmillu l-konvenut u bid-delizzju komuni li huma kellhom. L-attur fix-xhieda tiegħu jikkonferma illi fi tnejn u għoxrin (22) sena hu qatt ma talab xejn lura lill-konvenut. Dan hu kkonfermat ukoll minn mart il-konvenut Donna Buttigieg li tgħid li sa fejn taf hi, missierha qatt ma talbu lil Stephen Buttigieg biex l-affarijiet li kien tah jagħtihomlu lura.

> Illi l-attur jikkonferma wkoll illi huwa qatt ma ħallas fi flus lill-konvenut tax-xogħol li kien jagħmillu imma kien xtralu libsa *fireproof* tat-tlielaq, *helmet* u żraben.[21]
>
> Tqis ukoll li kien hemm però intendiment li għodod jew *parts* li jġib l-attur, jekk dawn ma jintużawx, jibqgħu tal-attur u għalhekk hawn japplika l-istitut tal-prekarju. L-intenzjoni tal-partijiet toħroġ ċara meta min-naħa l-attur kien dispost li jieħu lura dak li baqa' fuq l-ixkaffa, waqt li l-konvenut kien dispost li dawn jirritornahom. Oġġetti oħra in kontestazzjoni li l-konvenut jgħid li diġà kien ħadhom l-attur jew li l-attur qatt ma kien tahomlu, l-attur ma ġabx prova sufficjenti li dawn kienu ngħataw lill-konvenut. Ladarba hemm kunflitt ta' provi għar-rigward ta' dawk l-oġġetti li jinsabu indikati fil-prospett ippreżentat mill-atturi *a fol.* 3 imma li ma kinux elenkati fost l-oġġetti maqbudin mill-marixxall, tqis għalhekk illi l-atturi ma rnexxilhomx jippruvaw dak illi allegaw sal-grad probatorju li trid il-liġi."

5. Rat ir-rikors tal-appell ta' Fidele *sive* Teddy u Josephine konjuġi Aquilina, li permezz tiegħu talbu lil din il-Qorti:

(i) tikkonferma s-sentenza fejn ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni;

(ii) tħassarha, tirrevokaha u tikkanċellaha fejn din laqgħet it-talba tagħhom limitatament fir-rigward tal-oġġetti maqbudin permezz tal-mandat ta' qbid kawtelatorju numru 467/15, kif ukoll il-kumpressur tal-arja li għadu fil-pussess tal-konvenut u fejn ċaħdet it-tieni, t-tielet u r-raba' talba tal-attur u kif ukoll fejn ordnat lill-attur iħallas l-ispejjeż kollha tal-mandat ta' qbid numru 467/15, u

[21] *A fol.* 67.

(iii) konsegwentement tilqa’ l-ewwel talba attriċi mhux limitatament fis-sens li tordna lill-konvenut jirrestitwixxi lill-attur dawk l-oġġetti mitluba minnu li għadhom għandu, u

(iv) tilqa’ t-tieni, it-tielet u r-raba’ talbiet attriċi u fir-rigward tal-oġġetti li m’għadhomx fil-pussess tal-konvenut, tirrimanda l-atti lura lill-ewwel Qorti sabiex tillikwida d-danni kkawżati peress li dawn l-oġġetti m’għadhomx għand il-konvenut, jew tgħaddi sabiex tillikwida d-danni din l-istess Qorti u tordna lill-konvenut iħallas id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuta appellat.

6. Rat ir-risposta tal-appell tal-konvenut appellat Stephen Buttigieg, li permezz tagħha talab lil din il-Qorti sabiex tiċħad l-appell tal-appellanti u t-talbiet magħmula minnhom u dan peress li s-sentenza appellata hija fil-fehma tiegħu ġusta u timmerita konferma. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti.

7. Semgħet lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell in eżami waqt is-seduta tal-14 ta’ Ġunju, 2022, meta l-appell baqa’ differit għas-sentenza.

8. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

9. Illi permezz ta' din il-kawża, l-atturi qegħdin jitolbu li jintraddu lura l-oġġetti u l-għodda elenkati fid-dokument "A" anness mar-rikors promotur, peress li jikkontendu li dawn ġew mislufa lill-konvenut permezz ta' kuntratt ta' prekarju u peress li l-konvenut naqas mill-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 1841, ikkawżalhom id-danni. Għalhekk qegħdin jitolbu wkoll lill-Qorti sabiex tillikwida d-danni u li l-konvenut jiġi kkundannat iħallas id-danni hekk likwidati, bl-ispejjeż u bl-imgħax.

10. Il-konvenut ressaq numru ta' eċċezzjonijiet, fosthom (i) dik preliminari dwar in-nuqqas ta' integrita` tal-ġudizzju; (ii) jikkontesta li l-parti kbira tal-oġġetti pretiżi mill-atturi ngħataw lilu b'kuntratt ta' prekarju, peress li parti kbira ngħataw lilu b'titolu ta' donazzjoni kemm peress li kien jifforma parti mill-familja tal-atturi (*stante* li kien miżżewweġ lil bint l-atturi), kif ukoll bħala kumpens għas-serviġi estensivi li kien irendi lill-attur innifsu; (iii) m'għandu jħallas l-ebda danni kif pretiż mill-atturi; u (iv) t-talbiet tal-atturi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż in kwantu huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt.

11. L-ewwel Qorti filwaqt li ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut, laqgħet l-ewwel talba attriċi limitatament għal dawk l-oġġetti li kienu ġew maqbuda mingħand il-konvenut permezz tal-mandat ta' qbid kawtelatorju

467/15, kif ukoll għall-kumpressur tal-arja li kien għadu fil-pussess tal-konvenut, u għalhekk ordnat li dawk l-affarijiet jiġu rilaxxati/ritornati favur l-atturi iżda ċaħdet il-bqija tat-talbiet attriċi. Peress li l-konvenut kien dispost li jirritorna l-istess oġġetti lill-atturi qabel ma nfetħet il-kawża, bl-ispejjeż kontra l-atturi.

12. L-atturi ħassewhom aggravati bl-imsemmija sentenza u għalhekk interponew appell minnha. L-appell tagħhom jissejjes fuq tliet aggravji li huma:

(I) L-ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tan-natura tal-oġġetti mislufa u dan wassal sabiex l-ewwel Qorti tagħmel apprezzament ħażin tal-obbligi tal-konvenut li jirrestitwixxi dawn l-oġġetti. Dan jingħad mill-appellanti peress li jikkontendu li *parts* li huma ntiżi li jtejbu l-kapaċita` tal-magna jew ta' karozza li tintuża biss għal ħin qasir f'okkażjoni ta' tellieqa ma jiġrilhom xejn bl-użu u ma jiddeterjorawx bl-istess mod bħal *parts* li jintużaw f'vettura normali u għalhekk l-ewwel Qorti ma kellhiex għalfejn tidħol fil-mertu tad-deterjorament tagħhom.

(II) L-ewwel Qorti naqset milli tapplika l-Artikolu 1753 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta), fis-sens li ladarba l-ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni li l-ftehim bejn il-kontendenti fil-kawża kien wieħed ta' donazzjoni, isostnu li fil-każ in eżami tant ma seħħitx donazzjoni, li

lanqas biss saret skrittura privata bejn il-partijiet, kunsidrat ukoll il-fatt li l-valur tal-oġġetti in kwistjoni ma kienx wieħed żgħir.

(III) L-appellanti jikkontendu li l-ewwel Qorti kienet xi ftit ippreġudikata kontra l-attur meta qieset il-kwistjoni ta' kredibilita` tal-kontendenti fil-kawża. Dan peress li jingħad minnhom li filwaqt li l-ewwel Qorti qieset li l-attur kien xehed b'mod kontradittorju u lanqas emmnet it-tfal tiegħu, ma qalet xejn dwar il-kontradizzjonijiet kbar fix-xhieda mogħtija mill-konvenut, apparti li x-xhieda tal-konvenut ma kienet korroborata minn ħadd. Kwindi l-atturi appellanti jsostnu li l-ewwel Qorti setgħet biss tiddeċiedi li l-ftehim kien wieħed ta' "prekarju".

13. Illi fir-rigward tal-ewwel aggravju, jibda billi jingħad illi l-ewwel Qorti ma qisetx sempliċement in-natura tal-oġġetti mill-aspett ta' deterjorazzjoni tagħhom mal-użu jew biż-żmien, iżda l-ewwel Qorti telqet mill-premessa li l-attur sejjes l-azzjoni tiegħu fuq l-"prekarju" u wara li elenkat il-provvedimenti tal-liġi u allura l-prinċipji marbuta mal-istitut tal-"prekarju", stqarret li hija marbuta li tiddeċiedi l-kawża fuq il-provi in atti fid-dawl tal-prinċipji li jitnisslu mill-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna. Hekk per eżempju, jispetta lil min iressaq l-azzjoni sabiex jipprova dak li jallega (Artikolu 562 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta). Mill-provi in atti jirriżulta li l-attur kien jgħaddi l-affarijiet lill-konvenut fl-isfond tar-relazzjoni bejniethom, fis-sens li l-konvenut kien ir-raġel tat-tifla u fi kliem l-istess

attur "*dan kien qisu ibni dak iż-żmien. Għalhekk jien kont inħoss illi jekk inħalli xi ħaġa għandu kienet qisa qiegħda għandi.*" (ara affidavit Dok. FA1 a fol. 14) u allura ma kienx ifittex miegħu. F'dan il-kuntest ukoll l-ewwel Qorti qieset il-ftehim bejn il-kontendenti fil-kawża bħala wieħed *sui generis,* fejn bħala membri tal-istess familja kienu jħalltu u jaqsmu flimkien l-*parts* jew l-għodda da parti tal-attur u l-konvenut da parti tiegħu kien jippresta x-xogħol ukoll fuq il-karozzi tal-familja. Għalhekk l-ewwel Qorti waslet ukoll għall-konklużjoni li l-oġġetti li l-attur kien jgħaddi lill-konvenut kienu forma ta' donazzjoni u parti mill-kumpens li l-konvenut kien jirċievi għax-xogħol li l-konvenut kien jagħmel għall-attur mal-kumpens ieħor li kien jirċievi.

14. Iżda importanti wkoll hija l-konsiderazzjoni tal-ewwel Qorti fis-sens li meta hija stess staqsietu kif seta' jippretendi li kien għamel self ta' numru ta' oġġetti jew *parts* meta huwa kien jaf li dawn ser jiġu nstallati fil-vetturi jew tal-konvenut jew ta' terzi, huwa wieġeb "**…<u> mela ninsewhom dawk</u>**". L-attur appellant issa fir-rikors tal-appell jikkontendi li l-ewwel Qorti żbaljat meta qieset li l-konvenut kien qiegħed jikkontradiċi lilu nnifsu, meta wara reġa' xehed fis-sens li l-*parts* li jitwaħħlu fil-karozzi tat-tlielaq jistgħu jinqalgħu, peress li jistgħu jerġgħu jintużaw fuq karozzi oħra, billi jgħid li meta kien qiegħed jixhed in kontro-eżami, kien frustrat peress li l-avukat tal-konvenut kien qiegħed jidħol f'argumenti miegħu, huwa meqjus li dan l-argument ma jreġix. Fl-ewwel lok kienet l-ewwel Qorti stess li

ressqet il-mistoqsija: "*Għall-oġġetti li ma ntużawx tista' tagħmlu dak l-argument pero` għall-oġġetti li ntużaw u tqiegħdu kemm tista' tibqa' tgħid li dak kien self u mhux tajthomlu.*" Imbagħad hemm il-fatt ukoll li l-ewwel Qorti kellha l-vantaġġ li tisma' x-xhieda hija stess u għalhekk ħadd aħjar minnha ma seta' jqis dak li kien qiegħed jingħad quddiemha, mill-mod kif l-istess xhieda kienu qegħdin jiddeponu u jġibu ruħhom waqt li jixhdu u għalhekk din il-Qorti m'għandha l-ebda raġuni li twarrab id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti.

15. Wara kollox, minkejja li l-ewwel Qorti qieset l-argument sussegwentement imressaq mill-konvenut li l-*parts* li jintużaw fil-karozzi tat-tiġrijiet ma jiqdimux bl-istess mod bħal fil-karozzi normali, ġustament irriteniet li meta f'kuntratt ta' prekarju l-oġġett li jissellef għall-użu, id-deterjorazzjoni li sseħħ bl-użu tibqa' għar-riskju ta' min isellef. Filwaqt li l-argument tal-attur appellant li l-*parts* tal-karozzi tat-tlielaq mhumiex suġġetti għal deterjorazzjoni, bħall-*parts* tal-karozzi normali, mhuwiex korroborat minn provi sodisfaċenti, peress li l-unika prova li tirriżulta f'dan is-sens, hija dik ix-xhieda tal-attur, li kif ingħad mill-ewwel Qorti, hija aktar forma ta' ripensament, milli prova konvinċenti u din il-Qorti m'għandha xejn x'tiċċensura fl-apprezzament magħmul mill-ewwel Qorti. Dan apparti li din il-Qorti tikkondividi l-fehma tal-ewwel Qorti li meta l-attur kien jagħti l-*parts* lill-konvenut sabiex jitwaħħlu fuq karozzi tat-tlielaq tiegħu jew saħansitra ta' terzi, diffiċli li wieħed jifhem kif qatt seta' kien hemm il-ħsieb

li dawk il-*parts* qegħdin jingħataw b'self, bl-intenzjoni li jintraddu lura. Ovvjament dan ir-raġunament ma jistax u m'għandux jiġi applikat għal dawk l-oġġetti (bħal kumpressur) li ma jitwaħħlux ma' karozza u dawk l-oġġetti li baqgħu ma ntużawx u għalhekk jistgħu jaqgħu fil-kategorija ta' oġġetti mogħtija b'self bil-ħsieb li jintraddu lura, jiġifieri l-prekarju. Għalhekk l-ewwel aggravju tal-attur appellant ma jreġix.

16. Imiss li jiġi trattat it-tieni aggravju tal-atturi appellanti li fil-fehma ta' din il-Qorti huwa tabilħaqq fieragħ. Għandu jingħad mal-ewwel li, din il-Qorti ma taqbilx mal-ilment tagħhom, in kwantu jilmentaw li l-ewwel Qorti naqset milli tapplika l-Artikolu 1753 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta), in kwantu hija tal-fehma li l-oġġetti mertu tal-każ in eżami ma kenux jeħtieġu l-formalita` ta' att pubbliku. L-appellanti jsostnu li l-ewwel Qorti żbaljat meta waslet għall-konklużjoni li l-ftehim bejn il-kontendenti fil-kawża kien wieħed ta' donazzjoni, peress li lanqas saret skrittura privata bejn il-partijiet, kunsidrat ukoll il-fatt li l-valur tal-oġġetti in kwistjoni ma kienx wieħed żgħir. Jiġi osservat li hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-oġġetti mertu tal-kawża ċertament jistgħu jitqiesu bħala rigali, u minkejja li l-kwistjoni tal-valur tagħhom tista' titqies bħala waħda relattiva, iżda fil-każ tal-atturi, kunsidrati l-provi in atti, jingħad li l-valur tagħhom jista' jitqies bħala wieħed żgħir u allura l-provvediment tal-ewwel sub-inċiż tal-Artikolu 1753 tal-Kodiċi Ċivili (li donazzjoni hija nulla jekk ma ssirx b'att pubbliku) ma japplikax għalihom. Dan apparti li meta l-attur jikkontendi li

ċertu oġġetti huma ta’ valur għoli (jew li jiswa €1,200 jew €500), ma jressaq l-ebda prova in sostenn tax-xhieda tiegħu ta’ dawn il-valuri. Għalhekk ċertament dan l-aggravju ma jistax jingħad li għandu mis-sewwa u jimmerita li jiġi miċħud, b’dan li jingħata wkoll il-provvediment xieraq kunsidrat in-natura fiergħa tal-istess aggravju.

17. Jonqos li jiġi trattat l-aħħar aggravju tal-atturi appellanti dak, fejn jilmentaw li l-ewwel Qorti kienet ippreġudikata kontra l-appellanti fix-xhieda tagħhom meta għażlet li temmen lill-konvenut appellat minflok lilhom. Tajjeb li jiġi mfakkar li apparti l-prinċipju regolatorju msemmi qabel, li min jallega jrid jipprova, jingħad ukoll li, f’ġudizzju ċivili l-Qorti trid tiddeċiedi fuq il-preponderanza tal-probabbiltajiet (**Zammit v. Petroccochino,** Appell Kummerċjali, 25 ta’ Frar, 1952); kif ukoll li huwa meħtieġ li Qorti tara jekk verżjoni waħda teskludix lill-oħra, fuq bilanċ ta’ probabiltajiet. Fid-dawl tal-verżjonijiet kontrastanti mogħtija mill-kontendenti fil-kawża, l-ewwel Qorti kellha tqis liema miż-żewġ verżjonijiet tal-fatti hija l-aktar waħda verosimili, gwidata dejjem mill-prinċipju, li l-grad ta’ prova meħtieġ fil-kamp ċivili huwa dak tal-bilanċ ta’ probabbilitajiet u preponderanza tal-provi. Jiksbu relevanza l-kriterji ta’ kredibilita` u verosimiljanza tal-verżjonijiet mogħtija mill-partijiet. Irid jiġi osservat ukoll illi, anke jekk għall-argument, iż-żewġ verżjonijiet kienu possibbli, huwa principju ġurisprudenzjali stabbilit ukoll li f’każ ta’ żewġ verżjonijiet konfliġġenti dan jiffavorixxi lill-konvenut, peress li jibqa’ dejjem

obbligu tal-attur li jipprova l-allegazzjonijiet tiegħu. Dan fuq il-bażi tal-prinċipju ċitat mill-ewwel Qorti ta' "*incumbit probatio ei qui dicit non ei qui negat*".

18. Hekk kif osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Chef Choice Limited v. Raymond Galea et** (kif konfermata minn din il-Qorti permezz tas-sentenza tagħha tas-27 ta' Ottubru, 2017):

> *"Illi huwa ghalhekk li l-ligi torbot lill-parti f'kawza li tipprova dak li tallega (Art. 562 tal-Kap 12) u li taghmel dan billi tressaq l-ahjar prova (Art. 559 tal-Kap 12).*
>
> *...Huwa d-dmir tal-Qorti li tgharbel minn fost dawn il-verzjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistghu jirrizultaw il-fatti essenzjali li jistghu jghinuha tasal biex issib x`kien li tassew gara u kif imxew l-affarijiet;*
>
> *Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp civili, il-piz probatorju m`huwiex dak ta` provi lil hinn mid-dubju ragonevoli (App. Inf. PS 7.5.2010 fil-kawza fl-ismijiet Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil). Izda fejn ikun hemm verzjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistghu jkunu plawsibbli, il-principju ghandu jkun li tkun favorita t-tezi tal-parti li kontra taghha tkun saret l-allegazzjoni (P.A. NC 28.4.2004 fil-kawza fl-ismijiet Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et) Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jsehhlux iwettaq dan, il-parti l-ohra m`ghandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-principju li actore non probante reus absolvitur (P.A. LFS 18.5.2009 fil-kawza fl-ismijiet Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd). Min-naha l-ohra, mhux kull konflitt ta` prova jew kontradizzjoni ghandha twassal lil Qorti biex ma tasalx ghal decizjoni jew li jkollha ddur fuq il-principju li ghadu kemm issemma. Dan ghaliex, fil-qasam tal-azzjoni civili, l-kriterju li jwassal ghall-konvinciment tal-gudikant ghandu jkun li l-verzjoni tinstab li tkun wahda li l-Qorti tista` toqghod fuqha u li tkun tirrizulta bis-sahha ta` xi wahda mill-ghodda procedurali li l-ligi tippermetti fil-process probatorju (App. Civ. 19.6.2006 fil-kawza fl-ismijiet Emanuel Ciantar vs David Curmi noe). Fit-twettiq ta` ezercizzju bhal dak, il-Qorti hija marbuta biss li taghti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-ragunijiet u l-kriterju tal-hsieb li hija tkun haddmet biex tasal ghall-fehmiet taghha ta` gudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha (App. Inf. 9.1.2008 fil-kawza fl-ismijiet Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et)"*

19. Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, kien jispetta lill-atturi appellanti li jippruvaw il-każ imressaq minnhom, li huwa bbażat fuq il-kuntratt ta' prekarju u għalhekk fil-kwistjoni ta' kredibilita` u apprezzament tal-provi, il-punt hu jekk l-ewwel Qorti kellhiex temmen lill-attur appellant fl-allegazzjoni tiegħu li huwa kien jagħti lill-konvenut diversi oġġetti, fosthom *parts* ta' karozzi b'self għal użu, bil-fehma li dawn jintraddu lura hekk kif jintalbu, bħala waħda verosimili. Meta l-ewwel Qorti għamlet dan l-eżerċizzju u eżaminat il-kwistjoni fuq il-bilanċ tal-probabbilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, sabet, u fil-fehma ta' din il-Qorti, sewwa għamlet, li meta qieset il-provi mressqa mill-attur appellant ma kenux biżżejjed għall-konvinċiment tagħha. B'żieda mal-konsiderazzjonijiet magħmula minn din il-Qorti f'paragrafi 13-15 ta' din is-sentenza, il-konsiderazzjonijiet magħmula mill-ewwel Qorti li l-attur appellant stess ikkonferma fix-xhieda tiegħu li fi tnejn u għoxrin sena qatt ma kien talab xejn lura lill-konvenut (fol. 58), għaliex kien iqis dawn l-oġġetti bħala li kienu għandu, hija prova li aktar isosstni l-pożizzjoni tal-konvenut appellat.

20. Hekk ukoll, mix-xhieda ta' Matthew Mintoff jirriżulta li:

> "*Normali mhux darba u tnejn li kien hemm affarijiet għax kienu fis-sens, it-Teddy jiġifieri...Ikun hemm bżonn ta' xi ħaġa dejjem jixtri u jgħin lil dak li jkun u jkun hemm bżonn ta' xi ħaġa u hekk. Kemm-il darba ta affarijiet ...Mhux lil Steve biss....Darba meta kont fil-garaxx naf li tah xi turbo ta' xi karozza naf żgur biex iwaħħlu fuq tiegħu...ipartat u jtih hekk, jaqla' minn tiegħu u jwaħħalha fuq oħra,*

> *affarijiet normali. Affarijiet li għandhom x'jaqsmu ma' karozzi li kienu qed jarmaw huma tat-tlielaq u hekk u anke bħala għodod... X'tip ta' spare parts u hekk tal-karozzi għax imbagħad eżempju jkun jonqos din jgħidlu ħa għandi din tixtrihix."*

Apparti li dan ix-xhud jagħti ċertu dettall ta' xogħol li l-konvenut kien iwettaq għall-attur, huwa jispjega wkoll li huwa qatt ma daħal fil-mertu ta' jekk l-attur kienx iħallas lill-konvenut. Iżda din ix-xhieda hija prova tal-familjarita` li kienet teżisti bejn il-kontendenti fil-kawża, li bħala dilettanti tal-karozzi tat-tlielaq kienu jaqsmu flimkien il-*parts* u l-għodda da parti tal-attur u x-xogħol da parti tal-konvenut. Dan ikompli jsaħħaħ il-fehma ta' din il-Qorti li għamlet sew l-ewwel Qorti meta qalet li l-kontendenti fil-kawża kellhom rapport *sui generis.* Kwindi din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti, fis-sens li dawk l-għodod jew *parts* tal-attur li baqgħu fuq l-ixkaffa jew li ma ntużawx, kellu japplika l-istitut tal-prekarju, in kwantu l-intenzjoni tal-partijiet hija ċara, fejn min-naħa l-attur iridhom lura u l-konvenut huwa dispost li jroddhom lura, iżda oġġetti oħra fejn jeżistu provi konfliġġenti dwar jekk l-attur tax jew silifx l-oġġetti jew saħansitra l-konvenut għamel użu mill-*parts* fis-sens li ġew installati fuq karozzi, u jew intużaw minnu, jew saħansitra użahom f'oġġetti li nbiegħu lil terzi, l-atturi ma rnexxielhomx jippruvaw sal-grad meħtieġ li dawk l-oġġetti ngħataw bi prekarju u għalhekk l-azzjoni tal-atturi f'dan is-sens ma tistax tirnexxi. Għalhekk lanqas dan l-aħħar aggravju tal-atturi ma jista' jintlaqa' u ser jiġi miċħud.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet, tiddisponi mill-appell tal-atturi appellanti, billi tiċħad l-istess u tikkonferma fis-sħiħ is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-10 ta' April, 2017, fil-kawża fl-ismijiet premessi. Bl-ispejjeż tal-prim'istanza jibqgħu kif deċiż mill-ewwel Qorti, u tordna li, għall-finijiet tal-Artikolu 223(4) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-atturi appellanti jħallsu l-ispejjeż tal-appell għal darbtejn.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da